**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU DISGĦA U GĦOXRIN**

**25 ta' OTTUBRU, 2016**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, il-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marilyn Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresieda l-laqgħa.

**29.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

29.1.1 Ġew approvati l-minuti tat-tminja u għoxrin seduta ta' din il-leġislatura.

***29.2*** ***Attivita' l-Artiġjanat fiż-Żurrieq***

29.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia fakkar li l-press conference tal-attivita' Artiġjanat fiż-Żurrieq li ser issir f'Misraħ Santa Marija fid-29 ta' Ottubru, bl-għajnuna tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria, ser issir għada l-Erbgħa 26 ta' Ottubru f'nofisnhar. Il-preparamenti għal din l-attivita' huma kollha lesti u tista tgħid li l-għaqda kkonċernata ħasbet għal kollox hi. Ser ikun hemm esebiti aktar stands mis-snin preċedenti u ser ikun hemm il-parteċipazzjoni tal-banda sħiha fl-attivita'. Il-Kumitat Amministrattiv ħallas għall-permess għal dawl temporanju, tindif, bins, wardens, mobile toilets u printjar ta' posters. Kien hemm qbil fuq dan.

***29.3*** ***Suġġerimenti u ilmenti***

29.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quotations ta' ikliet għall-Milied – biex il-Kumitat jgħażel minnhom għal-ikla ta' bejn il-Kumitat u l-impjegati. Intgħażel il-Hotel San Antonio ta' Buġibba għall-prezz ta' 25Euro all inclusive. Id-data għad trid tkun ikkonfermata jew id-9 jew is-16 ta' Diċembru 2016.

29.3.2 Il-Viċi Chairperson Marija Schembri qalet li tħaffer kanal tad-drenaġġ fi Triq Kalanġ Bugeja u għadu ma ġiet imwitti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li x-xogħol sar bil-permessi kollha meħtieġa u għandha tikkuntatja lil kuntrattur biex iħaffef bix-xogħol tat-twittieh.

29.3.3 Il-membru Marilyn Sammut infurmat li karozzi tal-kiri li qed ikunu fit-torri ta' Bubaqra qed jipparkjaw b'tali mod li jinblukkaw Triq it-Torri, minħabba li hi dejqa. Kien hemm qbil li ser jerġa jiġi ċċekjat il-każ u dan il-punt jerġa jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

29.3.4 F'dan il-punt iċ-Chairperson Pierre Farrugia ħareġ mis-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol, u kompliet tippresjedi s-seduta il-Viċi Chairperson Maria Schembri. (ħin 17:55)

29.3.6 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri għamlet proposta fuq il-party tal-Milied tat-tfal li jsir kull sena.
F'dan il-punt il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li minflok party, issir attivita' u jinħarġu t-tfal biex jaraw film u jingħataw xi snacks. B'dan ma jkunx hemm il-bżonn li bħal kull sena, ċ-Chairperson joqgħod ifittex sponsor u jiġri għar-rigali. Minħabba l-attitudni ħażina ta' ċertu tfal li kien qed ikun hemm fil-party.
Kien hemm qbil fuq dan.

Kien hemm qbil li d-data u l-isem tal-film jkun deċiż fis-seduta li jmiss. L-eta' tat-tfal li ser jiġu aċċettati ser tkun ta' bejn il-5 u l-11 –il sena. Dawn għandhom ikunu tfal li joqgħodu f'Bubaqra.

***29.4*** ***Appuntament għas-Seduta li jmiss***

29.4.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:30 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru, 2016 fil-17:30.

Konfermati, illum ___ ta' Novembru, 2016

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**